# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 11 ta' Lulju 2024**

**Rik.Gur.Nru : 285/2018 JPG**

**Kawza nru: 18**

**JP**

**vs**

**MP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JP datat 6 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kien izzewweg lill-intimata fl-4 ta' Settembru 1983, u l-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi datat 21 ta' Novembru 2007, kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. A;*

2. *Illi sussegwentement ghal tali separazzjoni legali, il-partijiet iddivorzjaw u dana permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-proceduri fl-ismijiet JP vs MP, Rikors Numru 67/2011 RGM deciz fil-31 ta' Ottubru 2013;*

3. *Illi fil-frattemp wara tali divorzju, ir-rikorrenti rega' izzewweg lil MX fis-26 ta' Frar 2014 gewwa c-Cina, liema zwieg gie sussegwentement*

*irregistrat gewwa Malta, certifikat taz-zwieg numru 427/2014, kopja ta' liema qed tigi hawn taht annessa bhala Dok. B;*

4. *Illi ai termini tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet P, u senjatament klawzola numru 9(f) ta' l-istess. kien gie pattwit, illi fl-eventwalita illi r-Ragel kien ser jippercepixxi pensjoni tas-servizz u terminal benefits mit-Tezor tal-Gvern ta' Malta, tali pensjoni u terminal benefits kellhom jinqasmu bejn ir-rikorrenti u l-ex mara tieghu, l-intimata MP, fi kwoti indaqs bejniethom, filwaqt illi l-istess ma japplikax ghall-Mara ghaliex skond l-istess klawzola l-Mara ma kinitx intitolata ghall-ebda pensjoni jew remunerazzjoni ghas-snin tax-xoghol taghha bhala impjegata tal-Gvern ta' Malta;*

5. *Illi ir-rikorrenti kien career diplomat fis-servizz tal-Gvern ta' Malta ghal erbghin (40) sena, fil-fatt huwa irtira f'Ottubru 2017, rizultat ta' liema huwa intitolat sia ghall-pensjoni tas-servizz mahruga mid-Dipartiment tat-Tezor tal-Gvern, kif ukoll ghall-pensjoni kontributorja mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Di piu oltre ghall-pensjoni tas-servizz, ma' l-irtirar tieghu r-rikorrenti kien intitolat u ircieva ukoll, terminal benefit ta' darba wahda biss, fis-somma totali ta' €59,105.83;*

6. *Illi l-intimata MP min-naha l-ohra minn dejjem hadmet tul iz-zwieg taghha mar-rikorrenti u fil-prezent tahdem bhala LSA (Learning Support Assistant) gewwa skola tal-Gvern. L-intimata fil-fatt tippercepixxi salarju sostanzjali fis-sena, prezentement ta' Scale 12 cjoe bejn €15,972.00 u €18,096.00 annwali, liema salarju ser jizdied ukoll ghal Scale 10 qabel ma tkun irtirat mix-xoghol. Dan is-salarju huwa percepit unikament minnha minghajr l-ebda obbligu ta' xi hlas versu r-rikorrenti. Di piu l-intimata ghad fadlilha sitt (6) snin jew aktar sabiex tirtira mill-impjieg taghha.*

7. *Illi peress illi l-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi fl-ebda parti minnu ma jindika illi l-Accountant General kellu awtomatikament id-*

*dritt jaqsam ugwalment il-pensjoni tas-servizz u t-terminal benefit percepiti mir-rikorrenti bejn il-partijiet, u peress ukoll illi r-rikorrenti beda proceduri fit-23 ta' April 2018 (Medjazzjoni Numru 517/2018) sabiex ikun jista' jvarja l-kuntratt ta' separazzjoni f'dan is-sens, fit-3 ta' Mejju 2018 l-intimata bdiet proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti – Rikors Generali Numru 216/2018 RGM fl-ismijiet MP vs JP sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-Accountant General jghaddi nofs kull pagament tal-pensjoni li jippercepixxi r-rikorrenti lill-intimata, u nonostante l-oggezzjoni tar-rikorrenti u r-risposta relattiva tieghu fl-atti ta' dawk il-proceduri, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta' l-intimata, u dan permezz ta' digriet datat 22 ta' Mejju 2018. kopja ta' liema proceduri u d-digriet relattiv, qed jigu hawn annessi bhala Dok. C. Konsegwentement mit-22 ta' Mejju 2018 'il quddiem, il-pensjoni tas-servizz percepita mir-rikorrenti qed tinqasam ugwalment bejn il-partijiet ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni awtomatikament mill-Accountant General u r-rikorrenti qieghed mensilment jircievi nofs din il-pensjoni biss;*

8. *Illi in oltre ghal dak li jikkoncerna nofs t-terminal benefit mhallas lir-rikorrenti mid-Dipartiment tat-Tezor kif ukoll nofs il-pensjonijiet tas-servizz mensilment mhallsa lilu minn Ottubru 2017 sa Mejju 2018 u cjoe qabel il-proceduri supra-indikati nru 216/2018 RGM, li ma kinux ghaddew ghand l-intimata ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, fl-ammont totali skond l-intimata, ta' €34,427.78, l-intimata intavolat ukoll quddiem din l-Onorabbli Qorti Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 102/2018 ghal dan l-ammont ta' €34,427.78.*

9. *Illi jinghad illi din is-somma ta' €34,427.78 immedjatament wara li giet depozitata f'din l-Onorabbli Qorti tramite cedola ta' depozitu numru 78/2018 maghmula mill-HSBC Bank (Malta) plc fit-30 ta' Mejju 2018 (Kopja annessa bhala Dok. D), giet debitament zbankata mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2018 wara rikors ta' zbank maghmul mill-istess intimata tal-15 ta' Gunju 2018 li fih gie anki erronjament indikat mill-intimata illi hija kienet intavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv meta l-mandat*

*kien wiehed kawtelatorju, liema rikors gie akkordat permezz ta' digriet tal-25 ta' Gunju 2018 u dana minghajr ma din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika u risposta ghal dak ir-rikors da parti tar-rikorrenti (kopja tar-rikors zbank, d-digriet relattiv u formola ta' zbank qed jigu annessi komplessivament bhala Dok. E).*

10. *Illi tali zbank sar nonostante l-fatt li ma kien hemm l-ebda talba maghmula mill-intimata jew ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti illi il-kuntratt ta' separazzjoni seta' jigi ezegwit ukoll ghal kull pagament tal-pensjoni tas-servizz li kienu diga gew mghoddija lir-rikorrenti qabel il-proceduri 216/2018 RGM, kif ukoll ghal nofs it-terminal benefit li kien diga gie imhallas lir-rikorrenti qabel l-istess proceduri, u nonostante l-fatt ukoll illi l-mandat ta' sekwestru intavolat mill-intimata kien wiehed kawtelatorju u mhux wiehed ezekuttiv kif l-intimata erronjament indikat lil din l-Onorabbli Qorti;*

11. *Illi ghalhekk illum l-intimata spiccat illi oltre li tircievi s-salarju taghha mill-impjieg taghha ghall-beneficcju uniku taghha, hija ukoll irceviet is-somma ta' €34,427.78 minnha zbankati mill-Qorti kif fuq indikat, kif ukoll nofs il-pensjoni mensili tas-servizz tar-rikorrenti minn Mejju 2018 'il quddiem;*

12. *Illi l-uniku introjtu tar-rikorrenti prezentement, oltre ghal nofs it-terminal benefit percepit li ghad ghandu fil-pussess tieghu, hija nofs il-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni kontributorja, b'liema pensjoni irid jghajjex lilu nnifsu u lil martu Mengjun Xie. Di piu peress illi ghall-Gvern, is-somma totali percepita mir-rikorrenti bhala pensjoni tas-servizz u dik kontributorja taqbez il-limitu tal-pensjoni li mhux taxxabbli, ir-rikorrenti qieghed ikollu jhallas taxxa fuq parti mill-pensjoni kontributorja ta' circa 30% ta' din l-istess pensjoni, peress li ghal finijiet tal-Gvern u tat-taxxa. anki jekk nofs il-pensjoni tas-servizz qed tinqata' awtomatikament lir-rikorrenti u tithallas lill-intimata, xorta hija meqjusa li jippercepiha r-rikorrenti in toto u kwindi t-taxxa*

*pagabbli tigi kalkolata fuq it-total anki jekk mhux qieghed jithallas it-total taz-zewg pensjonijiet lir-rikorrenti unikament;*

13. *Illi ghaldaqstant is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-intimata inbidlet drastikament ghall-ahjar, mentri dik tar-rikorrenti marret hafna ghall-aghar u ser tibqa' tmur ghall-aghar, peress illi huwa spicca jghix fuq pensjoni mizera ta' cirka 8oo Ewro fix-xahar li biha irid jghajjex lill-familja tieghu, filwaqt illi l-intimata ghandha salarju li minnu ma jiehu xejn ir-rikorrenti, u eventwalment ser ikollha ukoll pensjoni ma' l-irtirar li minnha m'hu ser jiehu xejn ir-rikorrenti u fl-istess hin gja minn issa u ghall-bqija ta' hajjet ir-rikorrenti, l-intimata ser tibqa' tircievi nofs il-pensjoni tas-servizz tar-rikorrenti, apparti t-terminal benefit sostanzjali ta' kwazi €30,000 u nofs il-pensjonijiet tas-servizz ta' bejn Ottubru 2017 u Mejju 2018 fl-ammont ta' €4,427.78 li l-intimata diga zbankat minn din l-Onorabbli Qorti;*

14. *Illi in oltre fiz-zmien illi sar il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, kien ghadu ma giex introdott l-istitut tad-divorzju, u ghalhekk it-tibdil anki fic-cirkostanzi fl-istat tar-rikorrenti li illum huwa mizzewweg ghandu jittiehed in konsiderazzjoni stante illi llum r-rikorrenti ghandu ukoll obbligi versu martu Mengjun Xie, li ghandha ukoll drittijiet ghall-pensjoni ta' zewgha, u l-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi varjat sabiex jigi rifless dan it-tibdil;*

15. *Illi ghaldaqstant il-klawzola numru 9(f) fil-kuntratt ta' separazzjoni li tirregola l-qsim tal-pensjoni tas-servizz tar-rikorrenti ma' l-ex-mara tieghu kif ukoll it-terminal benefit rizultanti mill-impjieg mas-servizz li kellu, huwa ta' pregudizzju serju ghar-rikorrenti, u qed tohloq zbilanc sostanzjali finanzjarju a detriment ta' l-istess rikorrenti, u ghaldaqstant jehtieg illi jsiru t-tibdiliet necessarji fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq msemmi u tigi varjata din il-klawzola numru 9(f) sabiex tali zbilanc jigi mnehhi, u kwalsiasi terminal benefit li ircieva r-rikorrenti kif ukoll il-pensjoni tas-servizz li jippercepixxi r-rikorrenti ikunu tieghu unikament;*

16. *Illi r-rikorrenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi b'din il-kawza ghall-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tieghu permezz ta' digriet datat 6 ta' Settembru 2018, kopja legali ta' liema digriet qieghed jigi hawn taht anness u mmarkat bhala* ***Dok.F;***

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti necessarji u opportuni;*

1. *Tordna illi l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet JP u MP redatt fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi tal-21 ta' Novembru 2007 ghandu jigi varjat fil-parti relattiva ghall-klawzola numru 9(f) ta' l-istess, fis-sens illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi kwalsiasi terminal benefit u/jew pensjoni tas-servizz (treasury pension) percepiti mir-rikorrenti mid-Dipartiment tat-Tezor tal-Gvern ta' Malta, ghandhom jibqghu percepiti fl-intjier taghhom u unikament mill-istess rikorrenti, u dana b'mod retroattiv mid-data ta' l-irtirar tar-rikorrenti 'il quddiem, minghajr ebda dritt ta' l-intimata fir-rigward ta' l-istess pensjoni tas-servizz u terminal benefit;*

2. *Tordna konsegwentement lill-Accountant General sabiex jghaddi immedjatament b'mod esklussiv kwalsiasi pensjoni tas-servizz u/jew terminal benefit percepiti mir-rikorrenti mid-Dipartiment tat-Tezor tal-Gvern ta' Malta direttament u in toto lir-rikorrenti;*

3. *Tordna illi konsegwentement l-intimata ghandha terga' tirrifondi lir-rikorrenti immedjatament jew fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, is-somma ta' €34,427.78 rapprezenatnti in kwantu ghal €30,000 nofs it-terminal benefit u in kwantu ghal €4,427.78 nofs il-pensjonijiet tas-servizz minn Ottubru 2017 sa Mejju 2018 minnha zbankati wara c-cedola ta' depozitu li saret mill-HSBC Bank(Malta) plc ghal din l-istess somma fil-Qorti numru 78/2018;*

4. *Konsegwentement tordna illi l-intimata ghandha tirrifondi lir-rikorrenti immedjatament jew fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti nofs il-pagamenti tal-pensjoni tas-servizz percepiti minnha minn Mejju 2018 'il quddiem sal-finalizzazzjoni ta' dawn il-proceduri;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat illi r-rikors u d-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Novembru 2023 gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' MP datata 14 ta' Jannar 2019, a fol 39 li taqra hekk:

*Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet*:

1. *Illi fl-ewwel lok l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli ghaliex l-azzjoni kif proposta l-attur ma jistghax jitlob li jmur lura bl-arlogg meta l-kondizzjoni imsemmija fil-paragrafu 9(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni diga avverat ruhha; se mai tali talba kellha ssir qabel ma huwa hareg bil-pensjoni u mhux issa.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur anke ghal din l-eccezzjoni biss ghandhom jigu michuda.*

2. *Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli wkoll ghaliex skond l-ligi talba ghal varjazzjoni tal-kuntratt ma tistghax tintlaqa kemm-il darba dak miftiehem ma jigix l-ewwel annullat mil-Qorti.*

   *L-attur mhu qed jaghmel ebda talba f'dan ir-rigward ghajr li qed jitlob varjazzjoni tal-klawsola 9(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet izda mhux qed jitlob li dak miftiehem jigi annullat mil-Qorti kif*

*lanqas qed fit-talba tieghu jghid f'hiex ghandha tikkonsisti tali varjazzjoni.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda anke a bazi ta' din t-tieni eccezzjoni.*

3. *Illi bla pregudizzju ghal premess , galadarba l-attur talab u ottjena d-divorzju huwa ma jistghax jitlob varjazzjoni tal-kuntratt specjalment tal-paragrafu 9(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni stante li meta ssir talba ghad-divorzju min jaghmilha jkun qed jaccetta li ma hemm ebda lok ghal varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni specjalment meta ma kien hemmx cirkustanzi li avveraw ruhhom wara li huwa inghata d-divorzju fil-31 ta' Ottubru 2013.*

*Illi ghalhekk l-attrici qed titlob li jigu allaccjati ma' din l-kawza l-atti tad-divorzju rikors numru 66/2012 RGM deciz fil-31 ta' Ottubru 2013.*

*Illi ghalhekk anke ghar-rigward din l-eccezzjoni biss it-talba tal-attur ma tistghax tintlaqa.*

4. *Illi bla pregudizzju ghal premess ukoll, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda wkoll stante li in tema legali dejjem gie abbraccjat mil-gurisprudenza nostrali l-principju li s-separazzjoni konsenswali ghandha n-natura ta' kuntratt veru u propju b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jithassru jew jigu mibdula hlief bil-volonta tal-kontraenti jew bir-rinunzja jew ghar-ragunijiet li l-kuntratti in generali jistghu jigu mhassra – quibus modis obligamur, eisdem in contrarium actis liberamu.*

*Il-kliem tal-kuntratt ta' separazzjoni huwa car u ma hemmx lok ghal interpretazzjoni u li meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu xtaqu li ma jkun hemm l-ebda varjazzjoni tat-termini tal-kuntratt u fil-klawsola numru 17 stipulaw:*

*"Dan il-ftehim jibqa validu, vigenti u effettiv bejn il-partijiet f'kull eventwalita, ukoll jekk iz-zwieg tal-partijiet jigi dddikjarat null jew xolt permezz ta' digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti u dan kemm ghar-ragunijiet gja ezistenti kif ukoll ghal xi raguni supervenjenti. "*

*Bhala fatti l-esponenti tixtieq tirrileva dan li gej:*

*Meta l-partijiet kienu qeghdin fil-process ta' separazzjoni kien l-attur anzi li kien offra li jaghtiha tmenin fil-mija (80%) tas-somma li kien ser jippercepixxi mit-Tezor meta johrog bil-pensjoni, tant kemm ried jehles malajr u kienet l-esponenti li ta' persuna b'kuxjenza li ghandha li ssugerietlu li jghaddilha n-nofs sabiex lanqas huwa ma jbaghti bil-kondizzjoni li jghaddilha nofs il-pensjoni tat-Tezor. U hekk qabel l-attur.*

*Illi meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi tal-kaz, fejn l-attur ried li jisseparaw malajr sabiex huwa jkun jista jitlaq minn Malta. Huwa kien stazzjonat ic-Cina bhala diplomat mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin dak iz-zmien u wara skopriet ghaliex kellu din l-ghagla kollha meta applika ghad-divrozju ghax ried jizzewweg Ciniza kif fil-fatt ghamel. Izda gara li wara li l-partijiet ghamlu l-kuntratt ta' separazzjoni l-esponenti saret taf li l-attur kien involut fil-kaz ta' vizas tac-Cinizi u gie mghajjat lura Malta.*

*Illi inoltre kull parti kellha l-avukat taghha jassistiha , kien hemm procedura ta' medjazzjoni qabel ma gie ffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet u kull parti kienet taf x'qed tiffirma tant li anke l-attur talab ghad-divorzju u meta ghamel din it-talba huwa jikkonferma li ma hemm ebda pendenzi fuq l-kuntratt ta' separazzjoni. Difatti l-attur kien assistit minn Dr Robert Tufigno u l-esponenti kienet assistita minn Dr Noel Camilleri.*

*Illi l-attur kien jaf ghal x'hiex kien ser ikun intitolat meta johrog bil-pensjoni u kien qabel li jaghti lil martu ta' dak iz-zmien cioe lil konvenuta*

*dak stipulat fil-paragrafu 9 tal-istess kuntratt u ghalhekk ma jistghax il-konvenut issa jitlob varjazzjoni tal-kuntratt ghax skond hu issa li zzewweg mara ohra , u ghandu pizijiet finanzjarji ohra, liema cirkostanzi ma tahtix ghalihom il-konvenuta.*

*Jigi rilevat li meta l-partijiet kienu fi proceduri ta' separazzjoni l-esponenti kellha l-istess xoghol bhal ma ghandha llum dik ta' LSA u ghalhekk l-attur ma jistghax jghid lanqas li l-ex martu illum ghandha aktar qliegh ghax qabel ma kellhiex xoghol u illum ghandha.*

*Illi jigi rilevat ukoll li l-esponenti tircevi nofs il-pensjoni tar-ragel tat-Tezor* ***biss*** *u ma tircevix nofs il-pensjoni li huwa jircevi mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali kif qed jikkontendi l-attur fil-para 13 tar-rikors guramentat tieghu.*

4. *Illi rigward il-procedura ghar-rilaxx ta' dak dovut mill-esponenti, jigi rilevat li kollox sar skond il-procedura u skond l-ligi . L-ebda talba ma saret fir-rigward mil-attur u ghalhekk din l-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' kif sar tali rilaxx.*

*5.Salvi eccezzjonijiet ulterjuri*

*6.Illi hija ma ghandhiex tbaghti spejjez.*

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti datat 3 ta' Frar 2020, a fol 132 et seqq rigward l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-inkompetenza ta' din l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghat ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

***L-intimata prodotta viva voce nhar il-5 ta' April 2019 (vide fol 58 et seq)*** ikkonfermat illi hi rrecviet nofs il-pensjoni tal-attur, fl-ammont ta' circa **EUR 29,000** fl-ahhar ta' Gunju tas-sena 2018 minkejja li l-attur kien ilu li ha l-pensjoni minn Ottubru ta' qabel. Murija ic-cedola tal-izbank datata 5 ta' Lulju 2018, l-attrici sostniet illi hi ma tiftakarx id-data ezatti pero' taf li kien fis-sajf ghaliex kienet diga' bdiet bil-vaganzi tal-iskola.

L-intimata di piu ikkonfermat **illi l-ammont**, li hija hadet mill-Qortu **huwa nofs it-terminal benfit li rcieva l-attur** wara li kienet talbet din is-somma lill-attur permezz ta' ittri b'avukat. Illi ghalhekk kellha tibda proceduri appoziti.

Konfrontata bil-fatt li qabel ma bdiet dawn il-proceduri, kienet diga bdiet il-medjazzjoni minn naha tal-attur sabiex ikun jista' jvarja l-kuntratt ta'separazzjoni, l-intimata ma tiftakarx, izda kkonfermat illi kienet hadet nofs il-pensjoni tas-servizz kif kien hemm miktub fil-kuntratt ta'separazzjoni u parti minnha kienet haditha mill-Qorti wara proceduri li fethet hi u li ghadha tippercepixxi nofs il-pensjoni tas-servizz kif indikat fil-kuntratt tas-separazzjoni li qieghda tithallas lilha mid-DIpartiment tat-Tezor direttament.

***Angelo Said nhar il-5 ta' April 2019 in rapprezentanza tas-Servizz, Pensjoni tat-Tezor (vide fol 60 et seqq)*** ikkonferma illi l-attur qieghed jircievi pensjoni tas-servizz **liema tammonta ghal EUR 15,180.87** annwali. Dana l-ammont jithallas huwa maqsum fi tnax (12)- il pagament li jsir fl-ahhar ta' kull xahar. Il-pensjoni tas-servizz bdiet mit-2 ta' Ottubru 2017. Wara it-30 ta' Gunju 2018, wara li kienu rcevew digriet tal-Qorti, l-attur beda jircievi biss nofs l-ammont peress li n-nofs l-iehor kellu jithallas lill-ex mara tal-attur u cioe lill-intimata u ghadhom ghaddejjin sal-lum sakemm imut l-attur. Ix-xhud indika illi l-attur ippercepixxa one-time payment fl-ammont ta' EUR 59, 105.83, liema somma thallset fl-intier taghha permezz ta' cekk li inbghat bil-posta fit-3 ta' Novembru 2017 indirizzatt lill-attur. (Vide Dok AS 1 u AS 2)

***Espedito Grech prodott nhar il- 5 ta' April 2019 in rapprezentanza tal-OPM*** bhala l-ufficju inkarigat mis-salarji, esebixxa l-ahhar payslip tal-intimata (vide Dok EG 1) u kif ukoll il-history tal-intimata bhala impjegata mas-servizz pubbliku. (Vide dok EG 2)

***Stefan Manicolo in rapprezentanza tal-Accountant General, prodott nhar il- 5 ta' April 2019 (vide fol 64 et seqq)*** xehed illi mir-ricerki maghmula ma jidhirx illi saru xi pagamenti fir-rigward ta' stocks. Illi pero' irrizulta illi hemm xi ammonti zghar percepiti mill-intimata. (vide dok SM1 u SM2)

***Mary Scicluna, Direttur Rizorsi Umani fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 152 et seq)*** u spjegat illi l-intimata hija impjegata bhala Learning Support Education (LSE II) mal-MEDE u ilha impjegata mal-Ministeru tal-Edukazzjoni mit-18 ta' Settembru 2003 u qieghda fis-skala 10.

***Saviour Theuma nhar is-26 ta' Novembru 2020 u in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali*** spjega illi l-attur **qieghed jiehu retirement pension** u ilu johodha minn l-4 ta' Ottubru 2017 (vide dok ST 1). Illi l-intimatallum mhiex tippercepixxi l-ebda beneficcji.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud spjega illi huma ma jkollhomx informazzjoni jekk persuna hiex qieghda tahdem jew le, pero dan il-fatt mhux suppost jincidi fuq il-pensjoni, stante li llum persuna tista' tahdem u xorta tiehu l-pensjoni.

***Joseph Saliba nhar is-26 ta'Novembru 2020 in rapprezentanza ta' Jobsplus*** esebixxa l-*employment history* tal-attur (Vide dok JS 1) u dik tal-intimata. (vide dok JS 2) Ix-xhud ikkonferma illi l-intimata hija impjegata mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u ilha impjegata mal-imsemmi Ministeru mit-18 ta' Settembru 2003. Minn naha l-ohra l-attur kien ghalliem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-impjieg tieghu gie terminat fit-2 ta' Ottubru 2017 peress li irtira minhabba l-eta'.

***Espedito Grech nhar is-26 ta'Novembru 2020 in rapprezentanza ta' People and Standard Division fi hdan l-OPM (vide fol 192 et seqq***) u ikkonferma illi mit-2 ta' Ottubru 2017, l-attur ma thallas l-ebda salarju. (Vide dok AG 1) Ix-xhud esebixxa sensiela ta' *payslips* li jkopru z-zmien ta' impjieg tal-intimata (vide Dok EG 2 u EG 3.) ix-xhud spjega illi meta persuna ikun ingaggat fuq *contract of service*, is-salarji ma jinhargux mill-ufficju pero jekk persuna tkun diplomat is-salarju johrog mill-ufficju. In kontro-ezami ix-xhud jikkonferma illi huwa m'ghandu l-ebda informazzjoni dwar jekk l-attur huwiex effettivament Ambaxxatur.

***L-attur viva voce nhar it-18 ta' Mejju 2021 (vide 202B et seqq)*** xehed illi hu ghamel tletin (30) sena fis-servizz diplomatiku u waqaf ezatt kif ghalaq l-eta ta' tnejn u sittin sena (62). Illi ilu penzjonant minn Ottubru tas-sena 2017 u m'ghandu l-ebda impjieg. Fis-sena 2007 saret is-separazzjoni minn ma' martu, u peress illi ma kienx hemm sblokk fl-arrangament bonarju, hu kien accetta li jaghti nofs il-pensjoni lil intimate, izda ma kienx jaf fhiex kienet ser tikkonsisti l-penzjoni tieghu. Illi sussegwentement martu iffrizatlu l-assi u l-flus , u wara induna li kienet qieghda tippercepixxi nofs il-pensjoni tat-Tezor ukoll. Illi wara li kiseb id-divorzju, spjega illi kien iltaqgha ma' xi hadd u rega' zzewweg. Zied illi t-tieni mara tieghu ma tahdimx, u qieghdin jippruvaw jghaddu bil-pensjoni, b'dana illi t-taxxa fuq il-pensjoni qieghda tithallas fl-intier taghha minnu minkejja li nofs is-somma tigi percepita mill-intimata.

***Tonio Briguglio in rapprezentanza tas-Serviziz Korporattivi fi hdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej nhar it-12 ta' Lulju 2021 (vide fol 233 et seqq)*** spjega illi l-attur irtira mix-xoghol tieghu bhala *diplomat* fis-servizz tal-gvern ta' Malta fit-2 ta' Ottubru 2017 u minn dak iz-zmien sal-llum ma kellu l-ebda kariga ohra, u ma ha l-ebda pagament iehor. (Vide Dok TB1)

In ***kontro-ezami*** ix-xhud ikkonferma illi fis-sena 2017 l-attur kien ghadu Ambaxxatur, u kien jippercepixxi paga. Spjega illi s-sena l-ohra l-attur kien nominat ghall-kariga pero mhux konfermat u l-kariga ufficjali ta' Ambaxxatur qatt ma inghatatlu.

***Joseph Debono in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa prodott nhar it-12 ta' Lulju 2021 (vide fol 234 et seqq)*** xehed illi fir-rigward tal-komputrazzjoni tat-taxxa fuq l-NI pension, ghas-sena bazi 2017, *year of-assessment 2018*, l-attur kellu dhul mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u pensjoni tas-Sigurta Socjali u pensjoni tat-Tezor. L-attur ma kienx qieghed jiehu *deductions.* Ikkonferma illi l-attur qiegehd jehel taxxa fuq iz-zewg penzjonijiet kemm dik tat-Tezor u anke dik tas-Sigurta Socjali u ma hemm l-ebda deductions, illi pero' fir-rigward tal-pensjoni tas-servizz suppost kien hemm arrangement illi l-istess ammont jigi dikjarat fuq il-mara, u jkun akkreditat fil-kont bankarju tal-mara. Zied illi t-taxxa hija kompjutata fuq il-porzjon tal-attur biss, u l-mara sippost qieghda tehel taxxa fuq il-porzjon taghha. (vide dok JB 1-5)

Izid illi l-intimata rceviet xi ammonti ukoll mill-pensjoni tas-servizz li gew direttament akkreditat fil-kont bankarju taghha, u bhala taxxa thallset mill-intimata. (Vide dok JB x 1- JB x3)

***L-intimata xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 255 et seqq)*** u spjegat illi llum ghandha 62 sena u fadalha sentejn ohra biex tirtira. Affermat illi waqt li kien qieghed jigi negozjat il-kuntratt ta'separazzjoni kemm hi u kemm zewgha kienu assistiti mill-avukati rispettivi taghhom, u kien hemm qbil fuq il-kuntratt. Ziedet illi hi kienet talbet li huwa jghaddilha 80% tal-pensjoni u kif ukoll tas-somma li kien ser jircievi, izda l-attur kien irrisponda illi kien lest li jaghtiha hamsin fil-mija, u hi accettat. Spjegat illi l-kuntratt kien inqara quddiem il-Medjatur, li fehmitulhom, u kien gie approvat minn Gudikant, b'dana illi n-Nutar rega' qrah u fehmulhom. Affermat illi kien zewgha li talab is-separazzjoni. Wara li gie ffirmat il-kuntratt zewgha kien stazzjonat Bejging, il-Libja, Canberra u Abu Dhabi. Mhuwiex minnu li zewgha ma kienx jaf dak li huwa kien ser jippercepixxi mal-irtirar. **Tishaq illi hi thallas taxxa fuq in-nots tal-pensjoni li tircievi peress li dana huwa ddikjarat bhala introjtu** u ghalhekk mhuwiex minnu li l-attur qieghed ihallas t-taxxa anke fuq in-nofs taghha. Illi di piu zewgha, **xtrara appartament il-Mosta flimkien mal-mara l-gdid tieghu** ghal prezz ta' **EUR 378,000 li thallas kollu f' Lulju tas-sena 2018 u fis-sena 2019 biegh maisonette Birgum aghal prezz ta' EUR 295,000** u dana kif jirrizulta mir-ricerki. Illi ghalhekk mhuwiex minnu li s-sitwazzjoni ekonomika tal-attur inbidlet – jew qieghda imwiergha.

***Louis Buhagiar prodott nhar il-25 ta' April 2022 (vide fol 342A),*** esebixxa l-employment history tal-attur. (Vide dok LB 1)

***KP, bint il-partijiet xehdet permezz ta' affidavit (vide affidavit a fol 343)*** u spjegat illi waqt is-separazzjoni tal-genituri hi u ohtha marru jghixu ma' missierhom kif maqbul fl-apartament tieghu f'Birguma n-Naxxar u ghexu hemmhekk sa Lulju 2011. Illi pero' kien baghtilhom ittra legali saiex jevakwaw mill-propjeta u minflok marru jghixu ma' ommhom il-Mellieha. Stqarret illi sa fejn taf hi ommha qatt ma rceviet ghajnuna finanzjarja ghaliha minghand missierha f'dan iz-zmien u dan minkejja li kien baghtilhom email jinfurmahom illi kien ser jivversa mitejn euro fix-xahar biex ikopru l-hajja. Ziedet illi missierhom qatt ma wera interess sabiex jattendi ghal gradwazzjonijiet taghha u taz-zewg hutha l-ohra. Affermat illi ommhom dejjem

baqghet tkun ta' support u kienet anke taghmel part-time biex tlahhaq mal-ispejjes tal-hajja izda kellha tieqaf minhabba ragunijiet ta'sahha. Ix-xhud indikat illi meta hi akkwistat Flat Ghawdex ommha kienet taghta **b'donazzjoni is-somma ta' EUR 35,000, mis-sehem taghha mill-flus** li kienet irceviet mill-bejgh tad-dar matrimonjali u iktar tard ghamlet l-istess ma' otha Tiziana mis-sehem taghha mill-pensjoni tat-Tezor.

***Dr TP, bint il-partijiet xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 350 et seqq***) u filwaqt li kkonfermat dak rilevta minn ohtha fl-affidavit taghha, ziedet illi f' Mejju tas-sena 2018, **ommha kienet taghtha EUR 30,000 bhala donazzjoni**, min sehma mill-beneficcju terminali li percepixxa missierha, sabiex tghinha takkwista id-dar taghha.

***JP, bint il-partijiet iz-zghira, xehdet ukoll permezz ta' affidavit vide fol 357)*** u spjegat illi meta l-genituri taghha sseparaw hi kienet ghadha l-iskola primarja, u issa ilha tghix fid-dar m'ommha mis-sena 2007. Illi fis-sena 2018 hi gradwat bhala spizjara, u tul dan iz-zmien kollu kienet ommha li tatha sostenn morali u anke finanzjarju. Wara s-separazzjoni ftit li xejn kienet tqatta' hin ma' missierha u dana stante li missierha kien jahdem barra minn Malta, pero meta missierha gie lura, ma kienx ikun hemm komunikazzjoni sabiex ikun hemm access kif originarjament maqbul fil-kuntratt ta'separazzjoni.

***Dr Noel Camilleri prodott nhar il-15 ta' Gunju 2022 (vide fol 367 et seqq)*** spjega illi hu kien l-avukat tal-intimata tul is-separazzjoni taghha minn mal-attur, u assista lill-intimata biex waslu ghal kuntratt ta'separazzjoni a fol 7F tal-atti. Zied illi filwaqt li l-attur kien ukoll assistit minn avukat tal-fiducja tieghu, l-attur kien jaf dak li kien ghaddej u kien involut direttament fin-negozjati. Dak indikat fil-kuntratt kien innegozjat; l-attur kien ufficjal gholi fil-Foreign Office, u kien intlahaq il-ftehim indikat fil-kuntratt dwar is-Service Pension, u li l-intimata kellha tiehu sehema kif inhu dovut. Sahaq illi dan ma kienx kuntratt li sar mill-lum ghal ghada, u ha l-hin tieghu biex gie negozjat. Ix-xhud indika illi jiftakar li s-sitwazzjoni u r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx baqghet wahda felici ghaliex kien hemm allegazzjoni li l-attur diga' kellu relazzjoni ma' terza persuna. Ix-xhud ikkonferm ailli l-procedura kienet dik tas-soltu, fejn kien hemm medjatur u l-kuntratt kien gie apporvat mill-Qorti.

***L-attur in kontro-ezami nhar it-2 ta' Novembru 2022 (vide fol 372 et seq)*** spjega illi fis-sena 2007 meta saret is-separazzjoni, hu ma kellu l-ebda pressjoni biex jiffirma il-kuntratt, pero' iffirma ghaliex kien hemm perjodu fejn ma kien hemm ebda zblokk. Kien gie avvicinat mill-avukat tal-mara sabiex jirrangaw fuq il-pensjoni u cioe', biex jaghtiha hamsin fil-mija, u jmexxi bis-separazzjoni, (ghaliex il-kwistjoni tal-pensjoni kienet l-unika ostaklu fejn ma kienx hemm qbil). Dak iz-zmien kien fadallu ghaxar snin qabel ma jiehu l-pensjoni. Meta kien tkellem mal-avukat tieghu fuq il-proposta tan-naha l-ohra dwar il-pensjoni, hu kien accetta il-ghaliex ma kienx lest li jaghmel hames snin jew ghaxar snin ohra bis-separazzjoni pendenti. Ikkonferma illi fis-sena 2007 kien diga spicca mill-*postings* tieghu f' Beijing u inghata *posting* il-Libja qabel ir-revoluzzjoni tas-sena 2008.

Stqarr illi hu qatt ma mar jiccekja fir-rigward tal-pensjoni li kien intitolat ghaliha, anke peress li kien hemm indikazzjoni li kien ser jieqaf fis-sena 2019 u mhux fis-sena 2017, pero' imbaghad kien telgha' xi hadd iehor floku. Jishaq illi meta gie iffirmat il-kuntratt ma kienx konsapevoli ta kemm kien hemm differenza bejn it-*Treasury Pension u National Insurance*. B'referenza ghax-xhieda tieghu fil-proceduri ta' divorzju, l-attur ikkonferma illi hu kien stqarr illi parti mill-*gratuity pension* kellha tinghata lil mara, u li din kienet maqbula fis-separazzjoni. Jikkonferma illi huwa qieghed jitlob varjazzjoni ghaliex naqaslu d-dhul, u jikkonferma illi wara t-tieni zwieg, hu akkwista appartament il-Mosta ghall-prezz ta' EUR 378,000 u li dan thallas kollu. L-attur ikkonferma li biegh il-maisonette f'Birguma. L-attur jindika illi ghandu EUR 50,000 depoziti l-bank u li t-tieni mara tieghu ghandha hamsa u hamsin sena (55) u li hi *financial analyst* izda Malta qatt ma hadmet u fir-rigward tat-taxxa li jhallas fuq il-pensjoni, jishaq illi hu jaf dak li jhallas hu.

In ***ri-ezami*** sahaq illi meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni hu ma kienx jaf x'kienet ser tkun ic-ciffra tat-*terminal benefits,* u kien biss meta baghtu ghalih mill-*Foreign Office* u infurmawh bic-cifra peress li huwa sena qabel ma tispicca mix-xoghol li jikkonfermaw ezatt ic-cifra. Rigward it-taxxa spjega illi meta tkellem ma' ufficjali fi hdan l-ufficju tal-Kummissarju tat-Taxxa, huma kienu infurmawh illi hemm certu *thresholds,* u li *threshold* li jaqa' fih hu, japplika ghall-ammont kollu tal-pensjoni.

***L-intimata prodotta nhar it-3 ta' Frar 2023 (vide fol 398 et seqq)*** ikkonfermat illi, peress li hi dahlet tahdem mal-Gvern fis-sena 1997/1998, kuntrarjament ghal zewgha, hi mhiex intitolata ghas-somma tat-Tezor bhal ma kien intitolat ghaliha zewgha. Spjegat illi wara li rritornaw lura mic-Cina, wara li kienet rat *vacancy* fuq il-gazzetta, kienet giet impjegata bhala *Learning Support Assistant* li ghadha hekk impjegata sal-lum. Fil-bidu hi kienet impjegata mal-kullegg ta' Santu Wistin, imma effettivament il-paga kienet tithallas mill-Gvern. Illi qabel is-sena 1978, hi kienet tahdem ma kumpanija parastatali u cioe t-TeleMalta, ghal diversi snin u filfatt kienet tahdem fix-xandir, izda imbaghad kienet tterminat l-impjieg taghha biex tmur ma' zewgha u l-familja taghha barra mill-pajjiz. Tishaq illi meta hi ghamlet il-verifiki necessarji, giet infurmata illi hi mhix intitolata ghal pensjoni tas-servizz.

Mistoqsija jekk hija tafx li gialdarba zewgha huwa pensjonant, it-taxxa tinqata' direttament u ma jkunx hemm bzonn ta' dikjarazzjoni tat-taxxa, tishaq illi ma tafx dwar dan ghaliex hi tara biss ir-rendikont taghha u thallas kull sena, u meta zewgha qal li hu kien qieghed ihallas ukoll taxxa fuq il-porzjon li tircievi hi, l-intimata sahqet li qieghda thallas taxxa fuq il-porzjon taghha. Tishaq fl-affidavit taghha li hi kienet qieghda tirrispondi ghal punti li semma' l-attur fix-xhieda tieghu. Fir-rigward l-informazzjoni l-ohra li ssemmi fl-affidavit taghha ssostni illi tali informazzjoni turi illi l-attur mhuwiex affidabbli ghaliex fil-passat kien ukoll naqas milli jattwa obbligi ohra maqbula fil-kuntratt ta' separazzjoni anke fejn jidhlu uliedhom. Mistoqsija ghalfejn hi baqghet tinsisti fuq nofs il-pensjoni, meta dawn il-flejjes ghaddithom lil uliedhom, tirrileva illi alla hares ma ghamlitx hekk ghaliex li kieku ma kienx ikollha flus biex tghin lil uliedha u dana mifhum li missierhom la qatt attenda ghal gradwazzjoni taghhom, la jirrispondi ghat-telefonati taghhom, qatt ma wera sapport anke meta iz-zghira kellha bzonn intervent mediku.

Mistoqsija x'kien xehed l-attur fil-proceduri ta' divorzju dwar il-pensjonijiet, l-intimata kkonfermat li l-attur kien halef fuq il-pedana illi hu ma jsib l-ebda oggezzjoni li jaghti nofs il-pensjoni lilha.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attur fejn qieghed jitlob illi ic-cirkostanzi jinnecessitaw varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi tal-21 ta' Novembru 2007, b'dana illi t-terminal benefit u/jew pensjoni tas-servizz percepiti mill-attur mid-Dipartiment tat-Tezor tal-Gvern ta' Malta ghandhom jigu percepiti fl-intier taghhom mill-attur, b'mod retroattiv minghajr ebda dritt tal-intimat fir-rigward tal-istess b'dana illi l-intimata ghandha tirrifondi lill-attur is-somma ta' erbgha u tletin elf, erba' mija, sebgha u ghoxrin euro, tmienja u sebghin centezemu (EUR 34,427.78) in kwantu l-ammont ta' tletin elf euro (EUR 30,000) rappresentanti nofs it-*terminal benefits* u in kwantu ghal ammont ta' erbat elef, erbgha mija sebgha u ghoxrin euro, tmienja u sebghin centezmu (EUR 4,427.78) rappresentanti nofs il-pensjonijiet tas-servizz minn Ottubru sa Mejju 2018 zbankati mill-intimata wara cedola ta' depozitu li saret mill- HSBC Bank Malta plc bin-numru 78/2018, piu nofs il-pagamenti tal-pensjoni tas-servizzi percepiti minnha minn Mejju 2018 ' il quddiem.

Mill-atti jirrizulta illi partijiet zzewwgu fl-4 ta' Settembru 1983, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied. Illi permezz ta' kuntratt ta'separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 21 ta'Novembru 2007, il-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin. Illi sussegwentement, il-partijiet iddivorzjaw permezz ta'proceduri fl-imsijiet JP vs MP, 67/2011 deciza nhar il-31 ta' Ottubru 2013.

Illi l-attur rega' zzewweg lil MX fis-26 ta' Frar 2014, fic-Cina, liema zwieg gie sussegwentement irregistrat Malta.

Illi l-pern tal-proceduri odjerni jirrigwardaw dak pattwit mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni ghar-rigward il-pensjoni percepita mill-attur, u t-*terminal benefits*. L-attur jishaq illi minkejja dak patwit fis-sena 2007, l-attur fit-23 ta' April 2018 kien beda proceduri ta' medjazzjoni (ittra numru: 517/2018) sabiex jigi varjat il-kuntratt ta'separazzjoni f'dan ir-rigward. Illi l-attur spicca f'sitwazzjoni fejn b'nofs il-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni kontributorja huwa jrid jghajjex lilu nnifsu u lil martu Mengjun Xie, b'dana ghalhekk illi filwaqt li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-intimata inbidlet ghall-ahjar, dik tal-attur marret hafna ghall-aghar u ser tibqa' tmur ghall-aghar. Jishaq illi meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, l-istitut tad-divorzju ma kienx ghadu gie introdott, u ghalhekk it-tibdil anke f'dak li jirrigwarda l-istat tar-rikorrenti

ghandu jittiehed in konsiderazzjoni stante li llum l-attur ghandu obbligi versu martu li ghandha ukoll drittijiet ghall-pensjoni tal-attur.

Illi da parti taghha l-intimata tecepixxi l-insostenibbilta' tal-azzjoni proposta mill-attur stante li ma jistax jitlob li jregga' lura l-arlogg meta l-kondizzjoni imsemmija fil-paragrafu 9(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni diga avverrat ruhha. Illi ulterjorment, talba ghal varjazzjoni tal-kuntratt ma tistax tintlaqa' kemm - il darba dak miftiehem ma jigix l-ewwel annullat mill-Qorti. Izzid illi gialadarba gie pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet, l-attur ma jistax jitlob varjazzjoni tal-kuntratt stante li meta ssir talba ghad-divorzju min jaghmilha ikun qieghed jaccetta li ma hemm l-ebda lok ghal varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni  specjalment meta ma kienx hemm cirkostanzi li avveraw ruhhom wara li gie pronunzjat id-divorzju.

Illi l-klawzola li qed tigi impunjata hija l-klawzola numru 9(ii)(f) tal-kuntratt li tistipula is-segwenti:

> ***Kull somma flus dovuta mill-employer (mill-imghallem) tar-Ragel u cioe mill-Gvern ta' Malta, bhala pensjoni tas-servizz (treasury penmsion) ghandha tinqasam u tigi percepita mill-komparenti fi kwoti indaqs bejniethom. Dan japplika ukoll ghal dik is-somma li r-Ragel jista jippercepixxi mit-Tezor tal-Gvern ta' Malta bhala terminal benefit. Dan ma japplikax ghall-komparenti Mara ghaliex hija m'hijiex intitolata ghall-ebda pensjoni jew remunerazzjoni ghas-snin tax-xoghol taghha bhala impjegat mall-Gvern ta' Malta. B'dana ghandu jigi nfurmat b'mod ufficjali l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-hrug u hlas ta' dina l-pensjoni u s-somma dovuta ghas-snin ta' servizz.***
>
> ***Kull pensjoni ohra pagabbli taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (jew att iehor li dan l-Att issostitwixxa jew att iehor li jista jissostitwih) ghandha tithallas u tigi percepita minn dik il-parti li tkun hallset il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali indipendentement jekk dan sar waqt iz-zwieg jew qabel jew jekk ikun il-kaz wara.***

Il-Qorti rat illi, wara l-intavolar tal-proceduri ta' medjazzjoni ghall-varjazzjoni tal-kuntratt ta'separazzjoni tal-partijiet, il-konvenuta intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fit-3 ta' Mejju 2018 ghal sorte fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, erba' mija sebgha u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (EUR 34, 427.78) u b'rizerva ghall-imghax u l-ispejjes, ghal nofs l-ammonti li l-attur kien diga ippercepixxa fl-intier taghhom. Illi fil-15 ta' Gunju 2018, l-intimata intavolat rikors ta' zbank fl-atti tal-istess cedola, b'dana illi il-Qorti, Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' digriet datat 25 ta' Gunju 2018, awtorizzat tali zbank favur il-konvenuta u filfatt dawn il-flejjes diga' intuzaw mill-konvenuta kif ammess minnha stess fit-testimonjanza taghha.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti rat illi permezz ta' sentenza in parte datat 3 ta' Frar 2020, din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti u ordnat il-prosegwiment tal-proceduri odjerni. *(Vide fol 140 et seqq)*

Din il-Qorti rat illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra eccepiti mill-intimata fir-risposta guramentata taghha, fil-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2020 gie registrat qbil illi l-erba eccezzjonijiet preliminari l-ohra ghandhom jigu decizi mad-decizjoni in meritu.

Il-Qorti rat illi l-intimata irtirat it-tieni u t-tielet eccezzjoni. (Vide nota ta' sottomissjonijiet pagna 5)

Wara li ezaminat bir-reqqa l-ewwel eccezzjoni kif dedotta fir-risposta guramentata, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi tali eccezzjoni ma ssibx applikazzjoni, b'dana illi din il-Qorti ma tqisx illi l-eccezzjoni proposta hija wahda sostenibbli u il-ghaliex l-Ligi Sussidjarja esplicitament tippermetti varjazzjonijiet f'kuntratti ta' separazzjoni:

> ***10.(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –***
>
> ***(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le,dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom;jew***

***(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew***

***(ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta'divorzju; jew***

***(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu(a),dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkatifir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond ma hemm f'dik id-diposizzjoni.***

***(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).***

***(3) Il-medjatur għandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom għal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) għandhom japplikaw għall-proċess ta' medjazzjoni.***

***(4) Meta l-partijiet jaslu għal ftehim, dan għandu jiġi reġistrat bil-miktub u jiġi nserit fl-atti tal-proċeduri, li mbagħad għandhom jintbagħtu mill-medjatur lill-Qorti, li għandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju għall-ordni pubbliku, tagħti digriet fuq il-kwistjoni.***

***(5) Meta l-partijiet ma jaslux għal ftehim, il-medjatur għandu jinforma lill-Qorti b'dan.***

***(6) Matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull ordni provviżorju jew il-ħruġ ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha.***

Illi għalhekk, din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjonji preliminarja tal-intimata fir-risposta guramentata taghha u tipprosegwi billi tezamina t-talbiet tal-attur in meritu.

**Ikkonsidrat:**

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba r-rikorrenti qed jitlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
>
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> ***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

B'referenza partikolari għall-kuntratti li jitrattaw is-separazzjoni personali, fis-sentenza fl-ismijiet: ***Walter Borg St John vs Christine Borg St John***, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002, inghad illi:

> ***"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri***

> ***ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".***

F'ambitu ta' separazzjonijiet personali ex contractu, kien hemm perjodu fejn il-Qrati nostrani kienu riġidi, tant illi ma kienux jippermettu l-ebda varjazzjoni, inkluż varjazzjonijiet fir-rigward ta' mantenimenti (vide ad exemplum s-sentenza fl-ismijiet **Mary Vella vs Mario Vella deċiża mill-Qorti tal-Appell** nhar il-11 ta' Jannar 1996.) Madanakollu, ghalkemm mat-trapass taz-żmien, din l-inflessibilita' naqset xi ftit, ma ġietx eradikata għal kollox. Fil-fatt fil-kuntest ta' manteniment u d-duttrina legali tal-pacta sunt servanda, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Alfred Grech vs Pauline Grech***, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' April 2004 rribadiet illi:

> ***"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni.***

> ***Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."***

Jidher ghalhekk illi fir-rigward ta' separazzjoni ex contractu, dawn jistgħu biss jiġu varjati f'każ li tiġi stabbilita u ppruvata li l-persuna li titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Dan l-insenjament ġie spjegat ulterjorament fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell** nhar it-30 ta' Novembru 2012:

> ***"F'dik is-sentenza (b'referenza għas-sentenza Alfred Grech vs Pauline Grech), din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza flismijiet Mary Vella v. Mario Vella, 149 ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju pacta sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt".***

Fl-ismijiet ***Beatrice Sare' vs William Sare'***, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Mejju 2013, inghad illi l-eżerċizzju li trid taghmel il-Qorti huwa li tevalwa jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim

minnhom iffirmati. Fin-nuqqas ta' dan fejn il-partijiet ma jkunux stabbillixxew ċirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli jista' jiġi varjat fil-futur, il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tgħaddi sabiex teżamina l-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-parametri ta' dak li ġie mgħallem mill-Qorti fis sentenza flismijiet ***Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,*** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012, fis-sens illi b'mod ġenerali għandu japplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda għandu japplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Isegwi ghalhekk illi din il-Qorti trid tevalwa jekk tali varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni hijiex kontemplata fis-sens illi fl-imsemmi kuntratt hemmx indikat dawk iċ-ċirkostanzi partikolari fejn dak pattwit jistax jiġi b'xi mod varjat, b'dana illi fin-nuqqas tas-suespost, teżamina l-pożizzjoni fis-sens illi b'mod ġenerali tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Din il-Qorti tosserva illi l-klawzola numru 17 tal-kuntratt ta'separazzjoni tal-partijiet tistipula s-segwenti:

> ***Dan il-ftehim jibqa' validu, vigenti u effettiv bejn il-partijiet f'kull eventwalita' ukoll jekk iz-zwieg tal-partijiet jigi ddikjarat null jew xolt permezz ta'digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti u dana kemm ghar-ragunijiet gja ezistenti kif ukoll ghal xi raguni supervenjenti.***

Il-Qorti ghalhekk trid tapplika l-prinċipju ġenerali regolanti fil-materja tal-kuntratti, senjatament il-*pacta sunt servanda*, iżda tapplika ukoll bħala deroga mill-istess il-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*. B'hekk stabbilit il-premess, dak li l-Qorti trid tinvestiga huwa jekk l-allegati tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-attur humiex tali jwassluh għall-impossibilita' u mhux sempliċiment diffikulta' li jaderixxi mal-obbligi imposti fuqu mill-kuntratt.

Il-Qorti taghraf illi l-partijiet, partikolarment l-attur, qieghed jiffaccja sitwazzjoni fejn minhabba dak pattwit fil-kuntratt ta'separazzjoni, filwaqt li l-intimata ghadha tahdem

u ghalhekk tippercepixxi salarju mix-xoghol taghha bhala LSE, u kif ukoll nofs l-pensjoni dovuta lill-attur skond dak pattwit fil-kuntratt, hu qieghed jippercepixxi biss pensjoni li fil-fehma tieghu hija wahda irrizorja. Illi din is-sitwazzjoni fil-fehma tal-attur hija wahda aktar redikola tenut kont tal-fatt illi llum il-gurnata huwa rega' zzewweg u ghalhekk ghandu obbligi finanzjarji lejn it-tieni mara tieghu Mengjun Xie. In primis din il-Qorti tirrileva illi l-Legislatur Malti jimponi l-obbligu ta' support finanzjarju fuq entrambi konjugi u mhux fuq konjugu wiehed biss, **b'dana illi kif ex-admissis xehed l-attur stess, martu Mengjun Xie, ghadha ta' eta relattivament zghira u fil-passat kellha karriera bhala *financial analyst.***

Illi din **il-Qorti rat ukoll illi l-attur u martu MX akkwistaw propjeta fil-Mosta, ghall prezz ta' EUR 378,000 fis-sena 2018,** b'dana illi mill-kuntratt tal-akkwist esebit in atti a fol 261 et seqq. ma jidhirx illi l-attur u martu MX akkwistaw din il-propjeta fl-intier taghha minghajr htiega ta' loan mill-bank jew istituzzjoni finanzjarja. Il-Qorti tosserva illi fit-testimonjanza tieghu, l-attur ma jindikax diffikulatjiet partikolari, ghajr li hu u martu MX qieghdin jghaddu biss bil-pensjoni, filwaqt li l-intimata spiccat f'sitwazzjoni finanzjarja ahjar minnu. Din il-Qorti tosserva illi l-attur fl-ebda moment ma jindika illi ad exemplum, qieghed jirriskontra diffikulta minhabba xi problemi ta'sahha, izda taghraf illi l-essenza tat-testimonjanza tieghu tistrieh fuq il-fatt li fil-perjodu li sar il-kuntratt ta' separazzjoni ma kienx jaf l-ammont ezatt li huwa kien ser jippercepixxi bhala *terminal benefits* u pensjoni. L-attur donnu ried iffisser li, kieku kien jaf bl-ammont preciz ta' pensjoni, ma kienx jiffirma il-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti taghraf illi l-attur seta facilment jindaga b'mod mill-aktar preciz, l-ammont ta' pensjoni li kien ser jircievi, kif ukoll il-quantum tat-*terminal benefits* billi jitlob tali informazzjni mid-dipartiment koncernat.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi li kieku l-attur u martu MX verament qieghdin jirriskontraw diffikultajiet finanzjarji konsiderevoli, il-provi li kien jipproduci l-attur kienu jkunu ben diversi. Illi din il-Qorti hija moralment konvinta illi ma tezisti l-ebda impossibilita' da parti tal-attur li jkompli jattwa dak originarjament patwit. Di piu', din il-Qorti tifhem illi l-attur jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja komdu u dan in vista tal-fatt illi biegh proprjeta b'introjtu konsiderevoli u xtara *masionette* fuq tlett sulari minghajr l-htiega ta' ebda self u jidher illi martu ghandha professjoni ta' *financial analyst* illi min-natura taghha stess, certament ser tghin il-qaghda finanzjarja tal-attur.

Għaldaqstant il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi ma jeżistux raġunijiet validi sabiex dak pattwit bejn il-partijiet jiġi varjat.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tal-attur hekk kif dedotti fir-rikors promotur u tiddikjara illi l-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi datat 21 ta' Novembru 2007 ghadu in vigore u ghadu vigenti bejn il-partijiet.**

**L-ispejjes huma a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Imhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**